QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 25 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 355/00 DM

Charles Ciappara

Vs

Ta' Natu Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu is-somma ta' Lm971.90 (disgha mija wiehed u sebghin lira Maltin u disghin centezmi) dovuti lill-attur ghall-merkanzija konsenjata u mhux mhallsa minnhu.

Bl-ispejjes kontra d-ditta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Ta' Natu Limited fejn eccepiet illi:

1 L-ammont mitlub mhux dovut, billi kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, fuq perjodu ta' zmien, l-attur affettwa "short deliveries" illi l-ammont kumplessiv taghhom jisboq dak mitlub permezz tal-avviz.

2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Biex tista' tirnexxi t-talba attrici jispetta li l-attur fl-ewwel lok jipprova illi biegh lill-konvenut; merkanzija f'ammont ta' Lm971.90 (disa' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u disghin centezmi) kif indikat fl-avviz u li oltre li sar dan il-bejgh ghamel il-kunsenja regolari ta' l-istess merkanzija.

Biex jasal ghal dawn il-provi l-attur ipprezenta kopja ta' 'delivery order' tal-11 ta' Frar tas-sena 2000 mmarkata dokument CC2 a fol 16 (tal-process) fejn jirrizulta illi kien ikkonsenja tmienja u erbghin (48) kaxxa ta' xorb minerali u li ma gewx moghtija valur u li fit-22 ta' Frar tal-istess sena kien ikkonsenja 232 (mitejn tnejn u tletin) kaxxa ghal valur komplessiv ta' Lm947.60 (disa' mija u seba' u erbghin lira Maltin u sittin centezmu) kif jirrizulta mill-'cash sale' dokument CC1 a fol 15 (tal-process) u ghal-liema kunsenja kellu jithallas is-somma globali ta' Lm971.90 (disa' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u disghin centezmi) tenut kont ta' "returns" ta' fliexken vojta u li effettivament dak in-nhar stess kien thallas din is-somma ta' Lm971.90 (disa' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u disghin centezmi) permez ta' chekk illi gie esibit a fol 6 (tal-process) liema chekk pero' ma ssarrafx minhabba impediment impost mill-kumpanija konvenuta.

Il-kunsenja in kwistjoni elenkata fid-dokument CC1 giet ukoll iccertifikata mir-rapprezentat tal-kumpanija konvenuta billi iffirma li effettivament irceva il-

kunsenja intiera. Ghalhekk sa hawnhekk l-attur wasal ghal prova minnhu rikjesta biex jista' jippretendi l-hlas tas-somma minnhu mitluba.

Min-naha taghhom il-konvenuti ssostnu illi effettivament l-attur m'ghamilx il-kunsenja kollha ta' dik il-merkanzija indikata fid-dokumenti esibiti u bi prova ta' dan ipproducew lil Fredrick Camilleri li jiehu hsieb l-accounts tal-kumpanija taghhom.

Izda id-deposizzjonijiet ta' dan Fredrick Camilleri ma tghijn xejn it-tezi tal-konvenuti anzi issahhah il-verzjoni tal-istess attur. Infatti l-istess Fredrick Camilleri jiddikjara illi *"ta kull konsenja ta' merkanzija illi ghamel l-attur, il-kumpanija konvenuta dejjem irrilaxxat l-ircevuta regolari ghall-ammont intier illi kien jidher fuq id-dokumenti."* Fredrick Camilleri issostni wkoll illi din ic-certifikazzjoni kienet issir minn impjegat tal-kumpanija konvenuta awtorizzat ghal dan il-fini.

Issostni pero illi meta ghamel il-kunteggi tal-merkanzija kollha illi huwa kien irceva minghand l-attur u naqqas minn dan il-kuntegg l-ammont ta' merkanzija illi kienet mbieghet mill-konvenuti sab illi l-ammont li kien baqa' fl-imhazen tal-kumpanija konvenuta kien ferm inqas minn dak illi suppost kellu jirrizulta u li kien indikat fuq il-kotba.

Pero l-istess Fredrick Camilleri ma spjegax kif qieghed jorbot lill-attur ma dawn in-nuqqasijiet meta l-attur kien qieghed jigi fornit mill-kumpanija stess b'certifikat illi kien qieghed jghamel il-kunsenja intiera.

L-iktar illi din il-Qorti tista' tikkonkludi huwa l-istess Fredrick Camilleri qed jallega xi kolluzjoni bejn l-attur u l-impjegat tal-kumpanija li jircievi l-merkanzija izda ma giet prodotta ebda prova dwar dan, lanqas ma gie prodott l-impjegat li allegatament kien qieghed jiccertifika konsenja ta' merkanzija iktar milli fil-fatt kien qieghed jircevi.

Min-naha l-ohra pero', mill-provi tal-konvenuti jirrizulta wkoll illi dawn in-nuqqasijiet gew riskontrati wkoll anke f'merkanzija ikkonsenjata minghand produtturi ohra, u ghalhekk l-indikazzjoni hija illi is-sistema ta' sigurta minnha ad-operata fiz-zmienijiet in kwistjoni ma kienitx suddisfacenti izda ma tirrizulta ebda prova li tista' timplika l-attur ma dawn in-nuqqasijiet.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta ampjament ippruvata u ggustifikata u ghalhekk qieghdha tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qed tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attur l-impost tac-chekk esibit a fol 6 (tal-process) ghall-ammont ta' Lm971.90 (disa' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u disghin centezmi).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

...................................................
Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep / Reg
Civil 44